KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 37

It-tlieta u sebgħin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Viċi Sindku |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Muscat | Kunsillier |
| | Wallace Vella Balacchino | Kunsillier |
| | Illona Fenech | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-6pm:*

*37.1 Qari tal-ittri ta' apologij ;*
*37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 35 u 36;*
*37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri ;*
*37.5 Rapporti ;*
*37.6 Items Oħra ;*
*37.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u jew/sotto Kumitati ;*
*37.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*37.9 Mozzjonijiet ;*
*37.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;*

## 37.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

37.1 Id-deputat Segretarju Ezekuttiv ressqet ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera D. Muscat, W. Vella Baldacchino u I. Fenech biex jiġu skuzati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala assenti b'apoloġija.

## 37.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 35 U 36

37.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 36 għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier D. Soler propona u l-Kunsillier A. Debono issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-kunsilliera prezenti. *Approvazzoni minuti 36*

37.2.2 Is-Sindku ressaq il-minuti 35 għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier P. Radmilli ġibed l-attenzjoni dwar punt 35.6.2 u talab korezzjoni biex tizdied sentenza: 'Is-Segretarju Ezekuttiv ta' spjegazzjoni dwar il-Ewro 15,000 li l-Kunsill kien ħallas 'on account' u li dawn għandhom jitnaqqsu eventwalment mil-konitijiet li għad iridu jitħallsu. Il-Kunsillier P. Radmilli talab li qabel ma jitħallsu l-bilanċi kollha tiġi mqabbla d-data tal-applikazjoni minn meta nqaleb il-meter f'isem il-Kunsill'. Kien hemm qbil dwar dan.

37.2.3 Il-Kunsillier A. Debono talab korezzjoni f'punt 35.6.10 fejn l-isem irid jiġi Perit Edward Said u mhux S. Buhagiar. Kien hemm qbil dwar dan.

37.2.4 Hekk kif korretti, il-Viċi Sindku proponiet l-approvazzjoni tal-minuti u l-Kunsillier A. Debono ssekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni minuti 35*

## 37.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

37.3.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva korrispondenza mit-Tribunal Centru dwar il-linji fuq il-bankini li hemm fi Triq Gacintu. Is-Sindku spjega kif gie infurmat li qegħdin jingħataw ħafna ċitazzjonijiet u tribunal ordna li dawn iridu jitneħħew għaliex mhumiex approvati mit-Transport Malta. Is-Sindku qara *draft reply* li prepara s-Segretarju Ezekuttiv u saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx qabel ma tintbgħat. Is-Sindku spjega li din kienet saret biex il-Kunsill jipprova jtaffi l-problema ta' parkeġġ f'Tas-Sliema, zied jgħid li jekk se tapplika din ir-regola trid tiġi applikata kullimkien l-istess u allura se jiġu mnaqsa aktar *parking bays*. Fuq dan il-punt is-Sindku innota fuq xi kummenti li dehru fuq il-media soċjali biex Pjazza Annunzjata tiġi zona pedonali. Fakkar li meta l-Kunsill kien iltaqa mar-residenti dawn kienu konċernati li l-parkeġġ għandu jibqa. Is-Sindku fakkar li l-kunsill għadu jissielet għal *residents parking scheme*, qiegħed jinnota wkoll li qegħdin jizdiedu l-parking għal persuni b'dizabilta (*blue badge holders* u issa anke personalizzati). Gejna nfurmati wkoll li tbiddlet ir-regola għal *loading/unloading* u allura dawn qegħdin jizdiedu wkoll. Is-Sindku qal li b'dan kollu Tas-Sliema iktar qiegħed jitnaqqas il-parkeġġ milli jizdied. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikteb lill-Ministru tat-TM dwar dawn il-problemi kollha imsemmija fuq parkeġġ fejn tintbgħat kopja wkoll lill-Ministri fuq dan id-distrett.

*Linji fi Triq Giacinti*

*Problema ta' parkeġġ f'Tas-Sliema*

*Il Kunsillier K. Wain ġie skuzat li jitlaq mis seduta fis 7pm*

37.3.2 Fir-rigward Pjazza Annunzjata s-Sindku fakkar li d-deċizoni li l-Kunsill kien ħa, wara li iltaqa mar-residenti, għada valida. Madankollu qal, li jekk hawn min qiegħed jipproponi xi tibdil jista jagħmel dan permezz ta' mozzjoni għas seduta li jmiss

*Pjazza Annunzjata*

37.3.3 Is-Sindku talab kjarifika jekk hux se ssir l-SAF. Il-Kunsillier P. Portelli informa li ma tistax ssir fis-sena li jmiss għaliex m'hemmx il-fondi għal dan.

*SAF*

37.3.4 Is-Sindku ressaq risposta minn Bialystok fejn konna tlabnihom jekk jridux jibgħatu artist/i għal zmien il-Milied. Saqsew ukoll jekk jistax jiġi akkumpanjat mis-Sindku tagħhom. Il-Kunsill irċieva din il-komunikazzjoni wara li ssotomejna l-applikazzjoni għall-ativitajiet tal-Milied u allura ma ġewx ikkalkulati l-fondi għal dan.

*Bialystok – Attivita tal-Milied*

*Daħal K. Wain lura fis-19.13*

Madankollu, l-Kunsill qabel li għandu jistaqsihom xorta kemm se jiġu delegati u xi spejjez jirrikjedu.

37.3.5 Is-Sindku informa bi tlett kwotazzjonijiet li l-Kunsill irċieva biex jitpoġġa bieb tal-aluminium fid-Day Centre. Sliema Day Centre talbu wkoll li jsiru blinds. Kien hemm qbil li tintgħazel l-irħas kwotazzjoni għal bieb, u l-Kunsillier J. Pillow qal li qabel ma tiġi ordnata l-Kunsill irid jiċċekkja tip ta' materjal. Dwar *il-blinds* kien hemm qbil li jġibu kwotazzjonjiet ukoll u mmexxu bl-irħas. *Talbiet mid-Day Centre*

37.3.6 Kien hemm qbil ukoll li insaqsu lil kull parroċċa jekk iridux izejnu it-triq ta' quddiem il-knisja tagħhom. Il-*capping* ikun għal Ewro 1000 kull wieħed (eskluz il-konsum tad-dawl). Il-Kunsillier A. Debono għandu jiddelega mal-uffiċċju dwar regolamenti. *Tizjin mil-parroċċi*

*Il-Kunsillier P. Portelli telaq mis-seduta fis-19.20pm*

37.3.7 Is-Sindku ta' *update* dwar il-proċess ta' Villa Schinaz li iltaqa' mal-Ministeru konċernat u qegħdin nistennew rapporti. *Villa Schinaz*

37.3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu talba mis-Sur Edward Attard jekk nistgħux ngħinu għall-pubblikazzjoni li qiegħed iħejji fuq tas-Sliema. Kien hemm qbil li titħallas parti mill-istampar bl-ammont ta' madwar Ewro 250 Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jkollu fond ta' madwar Ewro 1,000 għal dawn it-tip ta' talbiet. *Publikazzjoni*

*Daħlet il-Kunsilliera V. Galea Pace fis-19,49*

## 37.4 TWEGIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

37 4 1 Ma kienx hemm mistoqsijiet

## 37.5 RAPPORTI

37 5 Ma kienx hemm rapporti

## 37.6 ITEMS OĦRA

| | | |
|---|---|---|
| 37.6.1 | Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt ta' bankina li qegħda ċċedi fi Triq Leone. Is-Sindku informa li l-kuntrattur għandu jirranġa. | Triq Leone |
| 37.6.2 | Is-Sindku informa li wara dibattitu sħiħ ġie miftiehem li Triq il-Kbira se ssir wara li titlesta Pjazza Annunzjata għal ħabta ta' Jannar. Gie nnotat ukoll numru ta' permess RWP1/1183/18. | Triq il-Kbira |
| 37.6.3 | Il-Kunsillier D. Soler qal li għandu jkun hemm sinjali fi Triq Rudolfu fejn jindikaw li hemm xogħlijiet fi Pjazza Annunzjata. Kien hemm qbil u s-Sur Soler għandu jibgħat email lill-uffiċċju kif għandhom jiġu. | Diversions – Triq Rudolfu (minħabba xogħlijiet) |
| 37.6.4 | Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa jekk kienx hemm reazzjoni mil-Lands wara li intbgħatu ittri reġistrati fuq l-*issue* tal-ARMS u jekk l-AKL u DLG ġewx infurmati. Ir-risposta għandha tintbgħat mill-uffiċċju peress li f'din is-seduta is-Segretarju Ezekuttiv ma setax ikun prezenti. | ARMS |
| 37.6.5 | Il-Viċi Sindku saqsiet dwar il-kaz ta' Migneco. Il-Kunsill għandu jinforma bil-*feedback* tal-avukat. | |
| 37.6.6 | Il-Kunsill informa li hemm skema finanzjarja 2/2021 mir-Regjun dwar servizz ta' tagħlim fil-muzika mogħtija mill-kazini tal-baned. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera, li l-Kunsill jistaqsi lill-kazini f'Tas-Sliema jekk jixtiqux li jipparteċipaw u jiggwadanjaw mil-fondi la darba jipprovdu d-dokumenti meħtieġa mir-Reġun. | Skema 2/2021 |
| 37.6.7 | Dwar it-talba mis-Sliema Wanderers football nursery għal camera, il-Kunsill kien diġa approva din it-talba, pero qegħda terġa titressaq għaliex il-club informa li hemm tip ta' camera waħda biss li għandhom bzonn u li s-*software* tagħha jista jintuza fl-Ewropa. Kien hemm qbil li jmexxu bil-kwotazzjoni tal-VEO. | Sliema Wanderers |
| 37.6.8 | Gie nnotat li l-barrier ta' Triq Bisazza għada mhix tiffunzjona. Il Kunsillier J. Pillow spjega kemm il-darba nizel *on site* u hemm kaz li l-ħsara li hemm għada taħt garanzija. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lil Alberta dwar dan. Il-Kunsillier J. Pillow għandu jinforma b'aktar dettal lill-uffiċju biex tintbghat l-ittra. | Triq Bisazza – Barrier |
| 37.6.9 | Il Kunsillier J. Pillow informa li MIDI se jkun qiegħed joffri *sponsorship* lill-Kunsill biex isir il-*fence* fi Gnien Bonello Dupuis. | Fence GBD |

37.6.10 Is-Sindku informa li issa l-monument ta' Tritoni qiegħed impoġġi f'postu fi GBD. Monument Tritoni

37.6.11 Is-Sindku fakkar dwar il-*fun run* tal-Hadd 21 ta' Novembru u ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jipparteċipaw. Fun Run

37.6.12 Il-Kunsilliera ġew infurmati li DLG qegħdin jaħdmu biex issir sistema waħda għall-Kunsilli biex il-permessi ikunu jistgħu jinħarġu online. Permessi online

37.6.13 Id-D.S.E qalet illi impjegat wieħed wera interess għall-pożizzjoni ta' E.O. Il-Kunsill qabel unanimament illi jingħata l-pożiżżjoni ta' E.O mill-1 ta' Novembru 2021. Pozizzjoni EO

**37.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI/JEW SOTTO KUMITATI**

37.7.1 Gew ipprezentati r-rapporti mil-*contracts manager* u ġew innotati l-istess punti li jitnizzlu f'kull rapport li jsir fix-xahar tal-knis.

*Għaddew it-tlett sigħat u kien hemm qbil li l-laqgħa titkompla.*

**37.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

37.8.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-pagamenti.

37.8.2 Gie nnotat pagament numru 10 għal ħlas tal-uffiċċjali tat-TM għall-proġett tax-Xatt. Kien hemm qbil biex dan jiġi inkluz fil-proġett għall-fondi.

37.8.3 Mal-lista tal-pagamenti ġew imressqa tlett pagamenti oħra għall-approvazzoni ta' Portopalo, Don Berto u Cardini dawn dwar *lunch* mad-delegazjoni ta' Bialystok. Kien hemm qbil li jiġu approvati.

37.8.4 Il-Kunsillier P. Radmilli propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsillier D. Soler issekonda. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni. Approvazzjoni tal-pagamenti

**37.9 MOZZJONI**

37.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni

## 37.10 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA LI JMISS

37.10.1 Is-seduta ntemmet fid-21.29. Seduta oħra ġiet imsejħa l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021 fis-6pm.

Minuti approvati llum

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Stefania Friggieri**
**Dep. Segretarju Eżekuttiv**